**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum:** 7 ta' Novembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**-vs-**

**Robert Borg detentur tal-karta tal-identità bin-numru 403561(M); u**

**Jonathan Borg detentur tal-karta tal-identità bin-numru 460784(M);**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront tal-imputati Robert Borg u Jonathan Borg u ċioè talli:

Fil-kwalità tagħhom bħala diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rappreżentanti ġuridiċi u/jew uffiċjali tas-soċjetà kummerċjali **P.G.T. Co. Limited (C2278),** b'indirizz reġistrat 28, Lighters Wharf, Marsa, Malta u/jew bħala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess soċjetà kummerċjali sabiex iħallsu l-pagi dovuti, naqsu li jħallsu l-pagi dovuti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta'Diċembru, 2011 u

l-25 ta' Otturbu, 2012, ammontanti għal €17,335.03, u naqsu li jħallsu l-weekly allowance dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April, 2011 u l-25 t'Ottubru, 2012, ammontanti ghal €261.26, u naqsu li jhallsu l-Bonus statutorju dovut għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju, 2011 u l-25 ta' Otturbu 2012, ammontanti għal €356.10, li b'kollox jammontaw għal sbatax-il elf disa' mija, mitejn u ħamsin euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€17,952.39), versu liema ammont sar pagament b'permezz ta' ċekk bl-ammont ta' €197.57 fl-1 ta' Diċembru, 2012, fejn l-ammont dovut rimanenti huwa dak ta' sbatax-il elf seba' mija, erbgħa u ħamsin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€17,754.82), inkluż t-taxxa u l-bolla, liema ammont hu dovut lill-eks impjegat tagħhom u ċjoè lil Joseph Galea (ID Nru 326152M), fil-25 ta' Ottubru, 2012.

Il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu l-penali skont il-liġi kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallsu lil Jopseph Galea l-ammont ta' sbatax-il elf seba' mija, erbgħa u ħamsin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€17,754.82), għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi Joseph Saliba in rapprezentanza tal-ETC ipprezenta affidavit li fih hemm konferma li l-parte civile kien impjegat ma' P.G.T. Co. Ltd mill-1 ta' Mejju 2006 sal-25 t' Ottubru, 2012.

Illi gie esebit dokument datat 16 ta' Mejju, 2013 li jindika li kien qed issir 'payment on account' lill-parte civile bl-ammont rimanenti dovut sa dik id-data ikun ta' €12,624.29c.

Illi semghet il-parte civile jikkonferma li l-ammont rimanenti dovut hu dak ta' ghaxart elef, disa mija u erba u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu (€10,924.29).[1]

Illi mid-dokumentazzjoni esebita mill-imputati nfushom jirrizulta ampjament li parti sostanzjali tal-hlas ricevut mill-parte leza kien biss ghal commissions u mhux versu paga, weekly allowances u bonus dovut lilu mill-kumpanija P.G.T. Co. Ltd.

Illi wara li ezaminat il-provi migbura l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

[1] Xhieda 29.10.2014

Wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 45, 46, u 47(2) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati Robert Borg u Jonathan Borg fil-kapacita` taghhom li fiha gew citati, hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal multa ta' €250 bejniethom u tordna li jhallsu fi zmien sentejn millum lil Joseph Galea detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 326152M, is-somma ta' ghaxart elef, disa mija u erba u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu (€10,924.29) ratejalment bl-ewwel pagament issir dovut fl-ewwel ta' Dicembru, 2016.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**